MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Numru 1/2010

**"Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Zammit"**

Il-Qorti,

Rat in-nota ta' l-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud tad-29 ta' Ottubru 2010 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u fejn infurmat lil din il-Qorti li l-imsemmi Josef Zammit (sive Josef Zammit Tyler) naqas milli jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga eroina u baqa' jabbuza mid-droga, ma wera l-ebda motivazzjoni biex isib xoghol u baqa' jkun vjolenti fil-konfront ta' ommu u nanntu;

Rat id-digriet taghha ta’ l-istess jum li bih appuntat id-denunzja ghas-smigh ghat-3 ta’ Novembru 2010 fid-9.00 a.m.;

Rat illi fit-3 ta’ Novembru 2010 il-*probationer* ma deherx u gie pprezentat certifikat mediku minn ommu Josephine Tyler, izda wara li l-Qorti semghet lill-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud u lill-istess Josephine Tyler, ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ arrest kontra l-*probationer* ghall-5 ta’ Novembru 2010 u dan bl-assistenza tal-Pulizija;

Semghet id-deposizzjoni moghtija quddiemha mill-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud fil-5 ta’ Novembru 2010;

Rat illi fit-8 ta’ Novembru 2010 il-Qorti giet infurmata li l-*probationer* kien siefer lejn l-Ingilterra ghand familjari tieghu biex jiehu l-kura hemm u ghalhekk il-kawza kienet giet differita *sine die*;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tal-11 ta’ Novembru 2010 li permezz taghha l-Qorti giet infurmata li l-*probationer* kien irritorna Malta u talab li l-kawza tigi riappuntata b’urgenza;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Novembru 2010 li permezz tieghu din il-Qorti diversament presjeduta appuntat il-kawza ghall-15 ta’ Novembru 2010;

Rat ix-xiehda moghtija minn Maria Mifsud fil-15 ta’ Novembru 2010;

Rat illi l-*probationer* intbaghat l-Isptar Monte Carmeli ghall-kura mehtiega minn din il-Qorti hekk diversament presjeduta;

Rat ir-rikors tat-Tabib Principali tal-Gvern tat-18 ta’ Novembru 2010 fejn talab li din il-Qorti tordna li l-*probationer* jigi ammess f’istituzzjoni ohra peress illi l-Isptar Monte Carmeli ma kienx il-post idoneju ghall-*probationer*;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Novembru 2010 li permezz tieghu t-talba tat-Tabib Principali tal-Gvern giet milqugha u gie ordnat ir-rilaxx tal-*probationer* mill-Isptar Monte Carmeli;

Rat il-verbal tat-22 ta’ Novembru 2010 meta l-kawza giet mill-gdid rimessa quddiem din il-Qorti kif presjeduta;

Rat ix-xiehda ta’ Maria Mifsud moghtija fl-24 ta’ Novembru 2010;

Semghet ix-xiehda ta’ Maria Mifsud u ta’ Mario Brignone moghtija llum stess;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit ghal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda sabitu hati tat-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet u qeghditu taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tliet snin skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ordnat il-hrug ta’ ordni ta’ trattament ghal perijodu ta’ tliet snin skond l-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali;

Rat l-ordni ta’ *probation* ta’ l-istess data maghmul fil-konfront ta’ Josef Zammit li bih ordnat li l-imsemmi Josef Zammit ikun ghal perijodu ta’ tliet snin taht is-sorveljanza ta’ ufficjal ta’ *probation* taht dawn il-kundizzjonijiet:

“1. Li matul il-perjodu ta’ *probation*, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-*probation officer* u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu/ha j/tirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull – xhur/sena.

3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess ufficjal tal-*probation*; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-ufficjal tal-*probation* ikun irid, jircievi zjarat ta’ l-istess ufficjal tal-*probation*.”

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2010 l-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud ikkonfermat id-denunzja bil-gurament. Fil-15 ta’ Novembru 2010 l-istess Maria Mifsud regghet ikkonfermat li l-*probationer* Josef Zammit ammetta maghha li kien ghadu qieghed jabbuza mid-droga eroina u li ma kienx qieghed izomm kuntatt mal-CARITAS. Fis-27 ta’ Ottubru 2010 tfassal pjan ta’ kura flimkien ma’ kundizzjonijiet (accettat mill-*probationer*) kif jirrizulta mid-Dok. 1. Skond l-ufficjal tal-*probation*, il-*probationer* ma mexiex skond dak il-pjan u anke baqa’ juri ruhu aggressiv fil-konfront ta’ ommu u nanntu. Dan ifisser illi Josef Zammit la gab ruhu tajjeb u lanqas ma qaghad ghad-direttivi ta’ l-ufficjal tal-*probation* kif sahansitra maqbula minnu, li jfisser li kiser kundizzjonijiet kontenuti fl-ordni ta’ *probation*.

Issa, kemm din il-Qorti kif presjeduta u kif ukoll diversament presjeduta ghamlu li setghu biex il-*probationer* jifhem u jinghata opportunita` biex isewwi triqtu, izda kollox inutilment. Din il-Qorti tqis in-nuqqasijiet tal-*probationer* bhala nuqqasijiet serji hafna ghax ma wera ebda motivazzjoni biex jinbidel. Ghalhekk sejra tittratta mieghu kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti konsegwentement rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Josef Zammit li dwarhom il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, permezz tas-sentenza taghha tas-16 ta’ Lulju 2010, u wara li l-istess Josef Zammit kien ammetta l-imputazzjonijiet migjuba

kontra tieghu, iddecidiet li takkordalu l-beneficcju ta’ ordni ta’ *probation*, u cioe` talli:

(1) fil-15 ta’ Lulju 2010 u fix-xhur ta’ qabel, f’Birzebbuga u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, bl-imgieba tieghu kkaguna lil ommu Josephine Tyler biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza’;

(2) kiser il-provedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijet ta’ Malta u l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 7 ta’ April 2009 u 22 ta’ Gunju 2009, rispettivament.

Permezz tas-sentenza msemmija tas-7 ta’ April 2009 Josef Zammit (sive Zammit Tyler) kien instab hati talli fit-30 ta’ Novembru 2008 ghall-habta ta’ l-10.30 waqt li kien gewwa Triq il-Merzuq, Birzebbuga:

(1) hebb u nsulenta lil Josephine Tyler;

(2) insulenta u offenda lil P.S. 1434 Mario Mercieca, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Din il-Qorti tosserva illi ghalkemm fil-fedina penali li giet esebita quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali jidher li bis-sentenza tas-7 ta’ April 2009 Josef Zammit (sive Zammit Tyler) kien inghata *conditional discharge* ghal tliet snin, mis-sentenza esebita b’nota ta’ l-Avukat Generali tal-11 ta’ Novembru 2010 jirrizulta li l-perijodu ta’ *conditional discharge* kien ghal “sena”. Kwindi, peress illi mid-data ta’ dik is-sentenza sad-data li sehh l-incident mertu tal-proceduri odjerni kienet ghaddiet aktar mis-sena, din il-Qorti ma tistax tittratta mieghu mill-gdid dwar ksur ta’ *conditional discharge*.

Permezz tas-sentenza tat-22 ta' Gunju 2009 l-istess Josef Zammit (sive Zammit Tyler) kien instab hati talli:

(1) nhar-il 21 ta' Gunju 2009 ghall-habta tas-7.30 a.m. gewwa 40 Triq il-Merzuq, Birzebbuga, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ommu Josephine Tyler skond kif iccertifika Dr. Jesmond Cassar MG Reg 1906 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmija persuna sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;
`
(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe` ghamel hsara gewwa l-fond imsemmi ghad-dannu ta' ommu Josephine Tyler liema hsara teccedi €116.47;

(5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil ommu tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha;

(6) sar recidiv permezz ta' sentenza tal-Qorti liema sentenza saret definittiva u ghalhekk ma tistax tinbidel.

Din il-Qorti tosserva illi mis-sentenza tat-22 ta' Gunju 2009 esebita b'nota ta' l-Avukat Generali tal-11 ta' Novembru 2010 jidher illi Josef Zammit kien ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, inkluz dik ta' recidiva. Mill-atti, pero`, ma jirrizultax illi kien hemm kundanni antecedenti li minhaba fihom huwa seta' jinstab hati li sar recidiv. Difatti s-sentenza tat-22 ta' Gunju 2009 kienet tirreferi ghal incidenti li sehhew fil-21 ta' Gunju 2009 u l-uniku kaz antecedenti ghal dak kien sehh fit-2 ta' Mejju 2006 li dwaru Josef Zammit kien tqieghed taht *probation* b'sentenza tat-28 ta' Novembru 2006. Ghalhekk

meta din il-Qorti tikkunsidra l-piena hija mhijiex se taghti ebda zieda fil-piena minhabba recidiva.

Issa, minkejja l-isforzi li saru minn diversi persuni, il-*probationer* ma wera ebda hegga biex ibiddel hajtu, baqa' ghaddej bl-abbuz tad-droga u ma tax kaz il-konsegwenzi ta' ksur ta' ordni ta' *probation*. B'hekk din il-Qorti ma jibqaghlhiex triq ohra ghajr li tapplika r-riguri tal-ligi kriminali kontra dan il-hati u tittratta mieghu mill-gdid ghar-reati hawn fuq elenkati salv dak li ntqal rispettivament dwar is-sentenza tas-7 ta' April 2009 u dik tat-22 ta' Gunju 2009. **Fl-istess hin tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema akuta li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga – illum stess din il-Qorti semghet kif ftit jiem ilu nstab *positive* kemm ghall-uzu ta' eroina kif ukoll ta' cannabis – ghandu jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema. Barra minn hekk minhabba *traits* ta' vjolenza li jidher li jbati minnhom ukoll, ghandu jinghata minghajr dewmien kura psikologika u/jew psikjatrika.**

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Josef Zammit (sive Zammit Tyler) kiser il-kondizzjonijiet ta' l-ordni ta' *probation* tas-16 ta' Lulju 2010 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tirrevoka l-ordni ta' *probation* imsemmi tas-16 ta' Lulju 2010 u tittratta mieghu mill-gdid ghar-reati fuq elenkati billi, wara li rat l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 251B, 221(1), 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(d), 17(b) u 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll b'referenza ghas-sentenza tat-22 ta' Gunju 2009 l-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi meta sehh dak il-kaz kien ghad ghandu sbatax-il sena, tikkundanna lill-imsemmi Josef Zammit sive Josef Zammit Tyler ghal prigunerija ghal perijodu ta' tnax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------